MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tas-16 ta' April, 2008

Talba Numru. 132/2008

**Talba Nru: 132/08 PBC**

**Coleiro General Supplies Limited – C 3429**

**-vs-**

**Pietro Barone I.D. 320404(L)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet il-hlas tas-somma t'elf, erba' mija u hames Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€1,405.29) – (Lm603.29) liema ammont huwa rapprezentanti bilanc dovut fuq prezz ta' xiri ta' merkanzija kkonsenjata lill-konvenut fuq ordni tieghu stess, skond kif jirrizulta mill-istatement hawn anness, esebit u mmarkat bhala Dokument A, liema somma baqghet ma thallsitx mill-konvenut minkejja diversi nterpellazzjonijiet lilu maghmula.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota tat-18 ta’ Marzu, 2008 li biha s-socjetà attrici rriduciet l-ammont b’mitejn u hamsin Euro (€250) biex il-bilanc dovut jammonta ghal elf, mija u hamsa u hamsin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€1,155.29).

Ra n-nota tal-15 t’April, 2008 li biha s-socjetà attrici rriduciet l-ammont b’hames mitt Euro (€500) biex il-bilanc dovut jammonta ghal sitt mija u hamsa u hamsin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€655.29).

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ridotta ta’ sitt mija u hamsa u hamsin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€655.29) - (Lm281.31c), bl-imghax mid-data ta’ notifika tal-avviz.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------